MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 290/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Degabriele,**
**Victor Degabriele u**
**Sandro Degabriele**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Degabriele, Victor Degabriele u Sandro Degabriele talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Novembru, 1998 u fil-jiem ta' qabel (**1**) bi vjolanza kkommettew stupru fuq il-persuna ta' Jannifer Mifsud ta' tlettax-il sena; (**2**) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arrestaw jew issekwestraw lill-imsemmija Jennifer Mifsud; u (**3**) talli fl-

istess data, lok u cirkostanzi b'ghemil zieni ikkorrompew lill-imsemmija Jennifer Mifsud;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lil Peter Degabriele, Victor Degabriele u Sandro Degabriele mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-27 ta' Novembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' April, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx tillibera lill-appellati (allura akkuzati), jew lil xi whud minnhom skond il-kaz, mill-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni minhabba li ma kienx hemm il-kwerela tal-genituri, *"…kwerela li minn imkien ma tidher fl-atti tal-process"* fi kliem dik il-qorti. Jinghad bla tlaqlid li l-appellant ghandu ragun, pero` mhux fuq il-motivi kollha minnu migjuba. L-Avukat Generali, infatti, jikkontendi li l-prova tal-kwerela tirrizulta abbundantement mid-deposizzjonijiet tal-Ispettur Mario Bonello u ta' missier il-minorenni Peter Paul Mifsud. Il-Qorti qrat dawn iz-zewg deposizzjonijiet, izda fihom ma hemm ebda referenza, imqar indiretta, ghal xi kwerela. Anqas ma hu relevanti l-Artikolu 373 tal-Kodici Kriminali, citat mill-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu, peress li dana l-Artikolu jirreferi biss ghal reati ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mentri r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jezorbita minn tali kompetenza[1]. L-istess jista' jinghad ghall-Artikoli 377(1)(2) u 403(2) tal-Kodici Kriminali, it-tnejn ukoll citati mill-appellant; dawn ukoll ma humiex relevanti. Huwa evidenti li l-Artikolu 403 jirreferi ghal sitwazzjoni fejn, f'gheluq il-kumpilazzjoni, il-Qorti Istruttorja ssib li ma hemmx reat ta'

[1] Anke li kieku wiehed kellu jiehu in konsiderazzjoni l-eta` ta' wiehed mill-appellati fiz-zmien ta' l-allegat reat ta' koruuzjoni ta' minorenni, jigifieri l-eta` ta' erbatax-il sena ta' Victor Degabriele, ir-reat xorta wahda ma jkunx ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Art. 371(2)(a), Kap. 9).

kompetenza tal-Qorti Kriminali izda ssib li hemm xi reat jew reati ohra ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Kif diga nghad, ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni ma hux reat ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (cioe` reat li jaqa' taht is-subartikolu (1) tal-Artikolu 370 tal-Kap. 9). Dak li hu relevanti f'dan il-kaz hu l-Artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz kienet saret kumpilazzjoni, u l-Avukat Generali, permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-21 ta' Frar, 2000 (fol. 234) kien baghat il-kaz biex jigi trattat u deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali in forza ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 370(3)(a). Issa, is-subartikolu (5) tal-imsemmi Artikolu 390 jipprovdi li *"Jekk matul il-kompilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-qorti* ex officio *ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-ligi"*. Effettivament jirrizulta li matul il-kumpilazzjoni, u cioe` qabel in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju aktar 'l fuq imsemmija, ebda wiehed mill-imputati ma talab, u anqas il-qorti *ex officio* ma ordnat, li tingieb il-prova tal-kwerela riferibbilment ghall-imputazzjoni li tipotizza r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Ghalhekk, minn dik in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju 'l quddiem il-kwerela kellha titqies li hija presunta, u, kif korretement jikkontendi l-Avukat Generali, l-ewwel qorti ma setghetx tillibera mill-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni minhabba li ma kienx hemm il-prova ta' tali kwerela.

Din il-Qorti, pero`, mhix ser tghaddi biex tiggudika l-kaz hi f'dana l-istadju (dejjem, naturalment, fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ghax fir-rigward ta' dik biss qed jappella l-Avukat Generali) izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti, u dan sabiex ma tipprivax lill-appellati mill-beneficcju tad-doppju ezami.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din illiberat lill-appellati mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll mit-tieni imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberathom mit-tielet imputazzjoni (cioe` l-imputazzjoni li tipotizza r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni) u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali sabiex dik il-qorti tiddecidi dwar din it-tielet imputazzjoni fid-dawl ta’ dak li nghad f’din is-sentenza u skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------